# L-ittestjar għall-Coronavirus (COVID-19)

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar il-coronavirus (COVID-19), ċempel il-linja speċjali (hotline) tal-coronavirus li tkun miftuħa 24 siegħa fuq  1800 675 398.

Biex tkun taf fejn għandek tmur biex tkun ittestjat għall-coronavirus, tista' ċċempel il-linja speċjali (hotline) tal-coronavirus li tkun miftuħa 24 siegħa fuq 1800 675 398 jew żur  https://www.dhhs.vic.gov.au/getting-tested-coronavirus-covid-19.

Jekk għandek bżonn interpretu, l-ewwel ċempel  131 450, imbagħad itlobhom iqabbduk mal-linja speċjali tal-coronavirus jew itlobhom iżuru l-websajt għan-nom tiegħek.

Int tista' issib aktar riżorsi tradotti f'https://www.coronavirus.vic.gov.au/translations.

## L-ittestjar għall-Coronavirus hu bla ħlas għall-persuni kollha ġewwa l-Victoria, inkluż studenti internazzjonali, dawk li qed ifittxu ażil jew viżitaturi minn barra l-Awstralja.

It-test għall-coronavirus hu bla ħlas għal kulħadd. Dan jinkludi persuni mingħajr il-karta tal-Medicare, bħal viżitaturi minn barra l-Awstralja, studenti internazzjonali, ħaddiema migranti u dawk li qed ifittxu ażil.

Jekk għandek sintomi, int tista' tirċievi test bla ħlas f'kwalunkwe wieħed mill-postijiet li ġejjin:

- Klinika tal-Evalwazzjoni Respiratorja Akuta fi sptar tal-Victoria (Acute Respiratory Assessment Clinic)
- Klinika tal-Evalwazzjoni Respiratorja taċ-Ċentru tas-Saħħa Komunitarja (Community Health Centre Respiratory Assessment Clinic)
- Klinika ġewwa ċentru tax-xiri (shopping centre) fejn tkun ittestjat mingħajr ma jkollok bżonn tħalli l-karozza
- Klinika reġjonali fejn tista' taqbad u tmur mingħajr ħtieġa ta' appuntament.

## Min għandu jkun ittestjat għall-coronavirus?

Int għandek tkun ittestjat għall-coronavirus jekk għandek wieħed minn dawn is-sintomi:

- Deni
- Bard
- Sogħla
- Uġigħ fil-griżmejn
- Qtugħ ta' nifs
- Imnieħer inixxi
- Telf tas-sens tax-xamm

Anki jekk is-sintomi tiegħek huma ħfief, xorta waħda għandek tkun ittestjat.



Victoria State Government
Health and Human Services

## X'jiġri meta tkun ittestjat?

Meta tiġi ttestjat, int ser tiġi mitlub tipprovdi dokument tal-identifikazzjoni u d-dettalji tal-kuntatt. Jekk m'għandekx karta tal-Medicare, jekk jogħġbok ġieb xi dokument ta' identifikazzjoni, pereżempju liċenzja tas-sewqan, passaport, karta tal-konċessjoni tat-trasport, jew ID tal-istudent. Il-klinika tal-ittestjar ma għandhiex bżonn tkun taf l-istatus tal-viża tiegħek.

It-test għall-coronavirus isir minn infermiera, tabib jew professjonist ieħor tas-saħħa. Huma ser jieħdu kampjun (swab) tan-naħa ta' wara tal-griżmejn u tal-imnieħer. It-test jieħu madwar minuta.

## Hemm bżonn niżola ruħi wara li nkun ittestjat għall-coronavirus?

Jekk għandek is-sintomi int se tiġi avżat minn tabib jew ħaddiem tas-saħħa li int għandek tiżola ruħek sakemm tirċievi r-riżultat tat-test tiegħek. Dan ifisser li int tmur id-dar minnufih wara t-test tiegħek u toqgħod id-dar sakemm issir taf x'kien ir-riżultat tat-test tiegħek.

It-tabib tiegħek jew il-klinika fejn kont ittestjat ser jikkuntattjawk biex jgħidulek jekk ir-riżultat tiegħek kienx pożittiv jew negattiv għall-coronavirus.

## Kemm trid tistenna biex tirċievi r-riżultati?

Normalment iddum minn jum sa tlett ijiem biex tirċievi r-riżultati wara t-test. Jekk ikun hemm ħafna nies li qed jiġu ttestjati, tista' ddum sa 5 ijiem biex tirċievi r-riżultati tiegħek.

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar ir-riżultati tiegħek, ikkuntattja lill-klinika jew l-isptar fejn ġejt ittestjat.

Jekk ġejt ittestjat fi klinika fejn ma kellekx bżonn tħalli l-karozza għat-test f'ċentru tax-xiri (shopping centre) u ilek tistenna aktar minn 5 ijiem għar-riżultati tat-test tiegħek, jekk jogħġbok ċempel il-linja speċjali tal-coronavirus li hi miftuħa 24 siegħa fuq 1800 675 398. It-tim tagħna jgħinek tikseb ir-riżultati tat-test tiegħek. Il-kliniċi fiċ-ċentri tax-xiri fejn ma jkollox bżonn tħalli l-karozza biex tkun ittestjat ma jistgħux jgħinuk tikseb ir-riżultat tat-test tiegħek, mela jekk jogħġbok tikkuntattjahomx għar-riżultat tiegħek.

Int ser tkun mgħarraf dwar ir-riżultat tat-test tiegħek, anki jekk ikun riżultat negattiv. Jekk ir-riżultat tat-test tiegħek ikun pożittiv, xi ħadd mid-Department of Health and Human Services ser jikkuntattjak biex jikseb aktar tagħrif u jgħidlek x'għandek tagħmel.

Biex tirċievi din il-pubblikazzjoni f'format aċċessibbli, ibgħat imejl lil Emergency Management Communications <em.comms@dhhs.vic.gov.au>.

Authorised and published by the Victorian Government, 1 Treasury Place, Melbourne.

© State of Victoria, Australia, Department of Health and Human Services May 2020.

ISBN/ISSN 978-1-76069-423-4 (online/print)

Available at Translated resources - coronavirus disease (COVID-19) <https://www.dhhs.vic.gov.au/translated-resources-coronavirus-disease-covid-19>